



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2011/2290(INI)

7.5.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd – Komunikazzjoni Ġenerali
(2011/2290(INI))

Rapporteur: Nuno Teixeira

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jemmen li l-Politika Komuni tas-Sajd irriformata, li, filwaqt illi tiegħu approċċ imparzjali mmirat lejn it-tisħiħ reċiproku, għandha tiffoka fuq il-pilastri ambjentali, soċjali, ekonomiċi u kulturali tas-sajd, minħabba l-ħtieġa li jittieħdu miżuri preventivi rigward il-ħarsien ambjentali sabiex tinkoraġġixxi l-iżvilupp sostenibbli kompatibbli mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u mat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv mitlub mill-Ewropa 2020; isostni li l-politika rriformata għandha tiġi koordinata iktar mill-qrib ma' politiki Ewropej oħra bħall-politika ta' koeżjoni, il-politika dwar l-ambjent, il-politika agrikola u l-politika esterna, u li l-ftehimiet internazzjonali fil-ġejjieni dwar is-sajd sostenibbli għandhom ikunu konsistenti magħha; ifakkar dwar dan, l-importanza ta' strumenti bħall-politika marittima integrata jew l-approċċ makro-reġjonali li jista' joffri livell ta' integrazzjoni iktar mill-qrib;
2. Jenfasizza li din ir-riforma għandha potenzjal sinifikanti għall-bini ta' sajd sostenibbli permezz tal-preservazzjoni tal-ekosistemi, il-provvista tal-prodotti tas-sajd b'saħħithom u ta' kwalità, l-appoġġ tal-prosperità tar-reġjuni kostali, l-industriji tal-produzzjoni u tal-approċessar li jrendu u l-impjiegi aktar attraenti u aktar sikuri;
3. Jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu involuti fin-negozjati tal-ftehimiet tas-sajd mal-pajjiżi terzi;
4. Jissuġġerixxi li jiġi implimentat il-prinċipju tal-ġestjoni tas-sajd skont ir-reġjuni bijoġeografiċi marittimi differenti, skont il-karatteristiċi tagħhom, billi jiġi applikat approċċ ekosistemiku, peress li dan hu fundamentali biex ikun garantit is-sajd ikun sostenibbli, skont ir-riżorsi disponibbli f'qafas ta' opportunitajiet indaqs;
5. Ifakkar li skont il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-prinċipji ta' reġjonalizzazzjoni u ta' sussidjarjetà, u billi jitqiesu minħabba d-differenzi li jeżistu f'kull reġjun bijoġeografiku marittimu, jeħtieġ jinħoloq kunsill reġjonali ta' konsulenti għar-reġjuni l-aktar imbiegħda;
6. Jindika l-importanza ta' ppjanar effiċjenti ta' spazju marittimu għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fil-kuntest tas-sjieda fuq spazju tal-ambjent marittimu u kostali ta' setturi oħra, bħal impjanti għall-ħolqien tal-elettriku mir-riħ, il-protezzjoni tal-bijodiversità, l-akkwakultura, il-portijiet, it-trasport marittimu, it-turiżmu, id-difiża u l-industrija tal-estrazzjoni;
7. Jenfasizza li deċentralizzazzjoni sinifikanti hija bbażata fuq pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul, li għandha l-potenzjal li tadatta għall-ispeċifitajiet reġjonali bil-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet interessati rilevanti kollha fil-koġestjoni lokali u reġjonali, filwaqt li tirrispetta li l-oġettivi ġenerali għall-ġestjoni tas-sajd fis-CFP jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
8. Jitlob għal reġjonalizzazzjoni akbar fil-ġestjoni tas-sajd, filwaqt li jkun hemm konsiderazzjoni għall-prinċipju tas-sussidjarjetà; jisħaq ukoll li hemm il-bżonn li

jinkoraġġixxu iktar djalogu fost id-diversi entitajiet involuti fis-settur, kemm 'il fuq kif ukoll 'l isfel, partikolarment fir-rigward tar-responsabbiltà tal-kooperazzjoni fid-diversi reġjuni, inkluż fil-livell internazzjonali, billi jipprovdu inċentivi u appoġġ sabiex jiġu stabbiliti raggruppamenti internazzjonali; jemmen li l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs) iridu jieħdu aktar responsabbiltà fl-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd; jissuġġerixxi li dawn il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali għandhom jiġu kkonsultati b'mod obbligatorju minn qabel mill-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd u tal-pjanijiet ta' ġestjoni;

9. Jinnota r-reġjuni l-iktar imbiegħda, li huma suġġetti għal sensiela sħiħa ta' limitazzjonijiet strutturali kompletament rikonoxxuti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li jeżerċitaw influwenza permanenti fuq dawn ir-reġjuni Ewropej, u li għalhekk dawn għandhom ikunu jistgħu jafdaw fuq miżuri adattati għall-appoġġ bijoloġiku, ekonomiku u soċjali sostenibbli li jimminimizzaw l-iżvantaġġi tagħhom fir-rigward tat-territorji li jinsabu fil-kontinent Ewropew, li jirriżultaw l-aktar mill-ispejjeż addizzjonali marbutin man-nefqa fil-prodotti tas-sajd, u b'mod partikolari mit-trasport tal-prodotti lejn il-kontinent Ewropew;
10. Jemmen li l-ġestjoni tas-sajd għandha tkun ibbażata fuq rakkomandazzjonijiet xjentifiċi u rakkomandazzjonijiet mingħand esperti, permezz tal-użu ta' sħubiji bejn il-qasam tar-riċerka u l-partijiet interessati bħas-settur tas-sajd, u jitlob għal programmi reġjonali msaħħa għall-ġbir tad-data u programmi nazzjonali għar-riċerka li jipprovdu għall-koordinazzjoni reġjonali fost l-Istati Membri; jemmen li l-Istati Membri għandu jiġu mħeġġa jappoġġaw il-proġetti ta' riċerka li jistgħu jiffaċilitaw ir-realizzazzjoni ta' programmi reġjonali jew nazzjonali bħal dawn, u li r-reġjuni għandhom ikunu involuti iktar mill-qrib fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet tas-sajd ma' pajjiżi terzi favur l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi;
11. Jenfasizza l-hteġa li jsir tqarrib progressiv mal-prinċipju tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) bħala prinċipju tal-ġestjoni tas-sajd, sostnut minn valutazzjonijiet xjentifiċi ta' kwalità u kontrolli li jilleġittimizzaw l-għażliet ta' ġestjoni adattati; jagħraf li ż-żamma tal-iskop ta' aġġustament tal-isforz tas-sajd għas-sitwazzjoni tar-riżorsi, għall-organizzazzjoni mill-ġdid tas-settur u s-sostenibbiltà tiegħu hija importanti biex jinkiseb l-MSY; dan jimplika l-hteġa għal politika ta' appoġġ strutturali kontinwat għas-settur tas-sajd;
12. Itenni li l-iżvilupp kollu fiż-żoni marittimi u kostali għandu jirrispetta l-leġiżlazzjoni ambjentali bħad-direttiva ta' qafas dwar strateġija marittima u d-direttivi tal-protezzjoni tal-bijodiversità, bħala status ambjentali sod għandu jkun prerekwiżit għall-attivitajiet kollha fir-reġjuni marittimi u kostali;
13. Jindika l-importanza tal-multifunzjonalità tas-sajd għal reġjuni kostali; jenfasizza l-hteġa għal miżuri speċifiċi għal ċerti reġjuni, bħall-gżejjer u r-reġjuni l-iktar imbiegħda; jenfasizza l-importanza tal-adattament tal-miżuri restrittivi skont l-istat tal-istokkijiet tal-ħut, tal-appoġġ tas-sajd sostenibbli bħall-flotot tas-sajd fuq skala żgħira fejn l-istokkijiet mhumiex mhedda, u tal-promozzjoni tal-akkwakultura estensiva u sostenibbli, fid-dawl tal-appoġġ li dan jinvolvi għall-SMEs fis-settur, fost fatturi oħra; jipproponi miżuri ta' ristrutturar tas-suq tax-xogħol, miżuri ta' appoġġ għat-taħriġ professjonali, it-taħriġ mill-

għdid, u d-diversifikazzjoni, l-aċċess taż-żgħażaġh għal xogħlijiet marbuta mas-sajd, it-tiġdid u l-modernizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd, u inċentivi għal organizzazzjonijiet tal-produtturi u dawk interprofessjonali;

14. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li xi territorji Ewropej ma jaqsmux bejniethom il-baċir tal-baħar tal-kontinent Ewropew; jemmnen, għalhekk, li r-reġjuni l-iktar imbiegħda għandhom jingħaqdu flimkien u jiġu rappreżentati f'kumitat konsultattiv maħluq speċifikament għal dan il-għan, u li jeħtieġ li l-miżuri restrittivi skont il-politika tas-sajd komuni jiġu adattati għall-istat attwali tal-istokkijiet tal-ħut f'dawk ir-reġjuni; jinsisti fuq il-fatt li sabiex dan ikun possibbli, l-FEMS (Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd) irid ikun jista' jiffinanzja l-programmi ta' ġbir ta' data dwar l-istatus tal-istokkijiet; jemmnen li l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom ikunu involuti fin-negozjati ta' sajd sostenibbli ma' pajjiżi terzi;
15. Isostni, għalhekk, dwar il-ħtieġa li jinżamm strument ta' għajjnuna finanzjarja għas-settur, li jħares il-prinċipju ta' żieda fil-livell tal-għajjnuna għall-azzjonijiet kofinanzjati fir-reġjuni l-iktar imbiegħda, li għandu jikkontribwixxi għall-ħarsien ta' mezzi speċifiċi ta' kumpens għal spejjeż indiretti tal-attività u għall-iżvilupp ta' prodotti tas-sajd, minħabba l-limitazzjonijiet strutturali li jaffettwaw is-settur tas-sajd fir-reġjuni l-iktar imbiegħda;
16. Hu mħasseb dwar il-proposta tal-Kummissjoni sabiex iddaħħal konċessjonijiet tas-sajd li jistgħu jiġu trasferiti minħabba li din l-iskema tista' twassal għal konċentrazzjoni tad-drittijiet tas-sajd f'idejn għadd żgħir ta' operaturi u b'hekk iwassal għat-tneħħija ta' bosta intrapriżi żgħar tas-sajd;
17. Jenfasizza li s-sistema ta' kwoti trasferibbli tista' tirriżulta f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' ugwaljanza f'ċerti reġjuni, billi jingħataw aktar drittijiet lil dawk li għandhom aktar riżorsi; iqis li hu importanti li ma jiddgħajjifx is-sajd tar-reġjuni sensitivi u s-sajd fuq skala żgħira, għaliex dan jipperikola s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u bijoloġika ta' dawn iż-żoni kostali, b'mod partikolari fir-reġjuni fejn l-attività tas-sajd hija kbira u li jiddependu ħafna fuq dan is-settur;
18. Itenni l-ħtieġa li, f'ċerti reġjuni, ikomplu jittejjbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u tas-sigurtà permezz tat-titjib, ir-renovazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-flotta tas-sajd, li kollha huma aspetti indispensabbli biex jiġbdu liż-żgħażaġh lejn din l-attività;
19. Jenfasizza l-importanza tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd għall-implimentazzjoni tal-politika riformata u għall-iżvilupp territorjali bbilanċjat u inklussiv taż-żoni tas-sajd u jenfasizza li l-finanzjament tiegħu għandu jkun jikkorrispondi mal-istrateġija Ewropa 2020 u l-qafas strateġiku komuni, waqt li jikkunsidra l-oġettivi territorjali speċifiċi;
20. Jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza tas-sinerġiji bejn il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) għall-ippjanar fiż-żoni kostali; iqis li l-istrateġiji makroreġjonali, il-programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropej u tal-baċir tal-baħar huma strumenti importanti għall-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati għall-iżvilupp tat-territorji kostali tal-UE;
21. Jenfasizza li s-sostenibbiltà u l-vijabbiltà tas-settur jikkostitwixxi l-element ewlieni ta' din

ir-riforma, li hi marbuta mal-għanijiet tal-Ewropa 2020; jemmen li użu iktar effiċjenti ta' riżorsi hu kruċjali sabiex ikunu żgurati t-tkabbir u l-impjiegi fl-UE, biex b'hekk is-settur tas-sajd ikollu l-għajnuna jsir robust u sostenibbli, titnaqqas insikurezza tal-ikel, u tittejjeb il-kwalità tal-ħajja għal din il-ġenerazzjoni u għal dawk il jmiss;

22. Ifakkar fil-ħtieġa li tiġi aġġustata s-sistema attwali tal-aċċess għall-ibħra, b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni fil-baċiri marittimi li fihom f'it riżorsi tas-sajd, sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli tagħhom u jsir kontribut għall-istabbiltà soċjali u ekonomika tal-komunitajiet tas-sajd li mhumiex kapaċi joperaw barra miż-żona ekonomika esklussiva tagħhom;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	26.4.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Jean-Paul Basset, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Nikos Chrysogelos, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Vladimír Maňka, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jens Geier, Maurice Ponga, Elisabeth Schroedter, Patrice Tirolien, Giommara Uggias
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Julie Girling